*Ġiet f'idejna fotokopja ta' test meħud mill-gazzetta 'MALTA TAGĦNA' tas-Sibt, 4 t'Awwissu 1906. U fl-okkażjoni ta' għeluq il-mitt sena ta' din il-korrispondenza, ħsibna li jkun interessanti li tiġi ppubblikata. Dan qed nagħmluh mingħajr ebda polemika jew disrispett, iżda għas-sempliċi raġuni għax titfa' aktar dawl fuq il-mod ta' kif ċerti attivitajiet marbuta mal-festa ta' Santa Marija kienu jsiru fil-Mosta fil-bidu tas-seklu li għadda. Barra li qed tiġi riprodotta l-paġna, ser niktbu t-test bl-ortografija tal-lum.*

# Korrispondenza bejn iż-Żewġ Baned Mostin u l-Prokuraturi tal-Festa fl-1906

**Inserzjoni bi ħlas**

*Lis-sur Direttur tal-Gazzetta '**Malta Tagħna**' li tinsab fl-idejn tal-poplu.*

*Jekk jogħġbok ġib mill-eqreb fis dina l-korrispondenza bejn id-deputati tal-festa u l-kummissjonanti taż-żewġ baned li jinsabu fil-Mosta, sabiex il-poplu bil-għerf tiegħu jista' jiġġudika l-verità u jagħrafha. Dawna l-ittri ġew stampati fil-'**Gazzetta di Malta e Sue Dipendenze**'. Imma billi mhux kulħadd jaf bit-Taljan, hija ħaġa wisq tajba li kulħadd jagħraf kif saru l-affarijiet.*



## *1. Lis-Sur Kummissjonant tal-Filarmonika tal-Mosta 'Nicolò Isouard'.*

Mosta, 20 ta' Lulju 1906.

Sur Kummissjonant,

Billi hija riesqa s-solennità titolari ta' l-Assunta, u billi aħna rridu navvanzaw it-talba għal permess li jinħtieġ lis-Sur Supretendent tal-Pulizija għall-festa ta' barra, neħtieġu nafu jekk il-Filarmonika tiegħek, tridx taċċetta l-istess servizzi bħas-sena l-oħra.

Nirringrazzjak minn qabel għal risposta li nistenna minnek bil-kitba sa nhar il-Ħadd, għandna l-pjaċir li ngħidu li aħna, Sur Kummissjonant.

Servi tiegħek,

Saċ. Giovanni Sarreo D.D. Arċipriet, Deputat

Saċ. Giovanni Fenech Deputat

Saċ. Angelo Camilleri Deputat

Saċ. Giuseppe Borg Deputat.

## *2. Lis-Sur Kummissjonant tal-Filarmonika tal-Mosta 'Santa Maria'.*

Mosta, 20 ta' Lulju 1906.

Sur Kummissjonant,

Billi hija riesqa s-solennità titolari ta' l-Assunta, u billi aħna rridu navvanzaw it-talba għal permess li jinħtieġ lis-Sur Supretendent tal-Pulizija għall-festa ta' barra, neħtieġu nafu jekk il-Filarmonika tiegħek, tridx taċċetta l-istess servizz u ddoqqu programm filwaqt il-Għasar ta' lejlietha bħalma għamiltu s-sena l-oħra.

Nirringrazzjak minn qabel għal risposta li nistenna minnek bil-kitba sa nhar il-Ħadd, għandna l-pjaċir li ngħidu li aħna, Sur Kummissjonant.

Servi tiegħek,

Saċ. Giovanni Sarreo D.D. Arċipriet, Deputat

Saċ. Giovanni Fenech Deputat

Saċ. Angelo Camilleri Deputat

Saċ. Giuseppe Borg Deputat.

***Risposta tal-Kummissjonant tal-Filarmonika 'Nicolò Isouard'.***

Mosta, 22 ta' Lulju 1906.

Reverendissimi Sinjuri,

B'risposta lill-ittra tagħkom ta' l-20 li hu miexi li intom bgħattuli, nista' ngħidilkom li naċċetta bħas-sena l-oħra, il-kummissjoni, li għoġobkom tagħtuni.

Bl-istima kollha nistqarr li jiena is-serv tagħkom Sinjuri,

Carmelo Mercieca,

Kummissarju tal-Soċjetà Mużikali *Nicolò Isouard.*

***L-ittra-risposta li kienu jistennew id-deputati tal-festa, imma ġiet mibgħuta lil Dun Angelo Camilleri biss, mill-Kummissjonant tal-Filarmonika Santa Maria (tal-Mosta).***

Valletta, 24 ta' Lulju 1906.

Lir-Rev. Sinjur Saċ. Angelo Camilleri,

Irċevejna irrispettabbli l-ittra tiegħek tal-20 ta' dan ix-xahar.

Aħna nixtiequ wisq li nieħdu sehem fil-festa ta' l-Assunta, imma mhux bħal nies barranin mill-pajjiż imma bħal nies ta' l-istess pajjiż.

L-ittra bħal dik ma kellek qatt tibgħatilna, il-għaliex aħna noħduha bħala ittra insolenti.

Nitolbok tirrispondi lil dik l-ittra tagħna, sabiex imbagħad il-Kumitat jista' jagħtik risposta kompluta tagħha.

Insellu għalik distintament u nixtiequlek kull ġid.

Franġisku Gatt, Viċi-President

Paolo Grech, Direttur u Kummisjonant,

Edward Grech, President.

***Risposta ta' Dun Anġ. lill-Kummissjonant Paolo Grech.***

Mosta, 26 ta' Lulju 1906.

Sur Kummissjonant,

Jiena bqajt wisq sorpriż meta rċevejt l-ittra tiegħek mibgħuta mill-Belt Valletta fl-24 ta' dan iffirmata minn tliet membri tal-Filarmonika *Santa Maria* b'risposta lill-ittra mibgħuta mill-Mosta fl-20 ta' dan iffirmata mill-erbgħa deputati tal-festa, imma ndirizzata lili waħdi.

Inti tistenna risposta minni għall-aħħar ittra tiegħek tal-24 u fiha tgħid li l-ittra tal-Kumitat lilek mibgħuta hija ittra nsolenti. Jiena b'risposta kollha għall-ittra tiegħek nippubblika l-korrispondenza li għaddiet bejn id-Deputati tal-festa u l-Kummissjonanti taż-żewġ Filarmoniċi ta' hawn, u nħalli lill-pubbliku jiġġudika min-naħa ta' min tinsab l-insolenza.

Nixxikhajr mill-ġid kollu li tixtieqli, u niltolbok li taċċetta l-istess ġid li tixtieqli.

Jiena serv tiegħek,

Saċ. Angelo Camilleri.

***It-tieni ittra tal-Kumitat tal-festa lill-Kummissjonant tal-Filarmonika Santa Maria.***

Mosta, 26 ta' Lulju.

Aħna, iffirmati taħt, konna stedinniek bl-ittra tal-20 ta' dan sabiex tagħmel l-istess servizzi fl-okkażjoni tal-Festa titolari ta' l-Assunta, bħas-sena l-oħra, u bħalma kontu ridtu intom stess, inti ma rrispondejt xejn lid-Deputazzjoni tal-Festa. Frattant dina r-risposta konna nistennewha l-Ħadd li għadda. Għal daqstant, aħna ngħidulek bħall-Kummissjonarju tal-Filarmonika *Santa Maria*, li billi ż-żmien qiegħed iross, jekk ma tagħtiniex risposta sa għada fil-għaxija, aħna nikkonsidraw ruħna liberi li nsejħu Baned barranin.

Servi tiegħek,

Saċ. Giovanni Sarreo D.D. Arċipriet, Deputat

Saċ. Giovanni Fenech Deputat

Saċ. Angelo Camilleri Deputat

Saċ. Giuseppe Borg Deputat.



*L-Arċipriet tal-Mosta - Dun Ġwann Sarreo D.D. (1895-1907) - u Deputat tal-Festa ta' Santa Marija.*



*Dun Ġwann Fenech - Prokuratur tal-Festa ta' Santa Marija u Deputat tal-Festa.*



*Dun Anġ Camilleri - Prokuratur tal-Knisja tal-Mosta u Deputat tal-Festa.*



*Dun Ġużepp Borg - Viċi fil-Parroċċa tal-Mosta u Deputat tal-Festa.*



*Is-Sur Carmelo Mercieca - Kummissjonant tas-Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard.*

***Risposta tal-Kummissjonant tal-Filarmonika Santa Maria.***
***(Traduzzjoni mit-Taljan kelma b'kelma).***

Lill-Illustrissimo u Rev. Saċ. Dun Angelo Camilleri.
Mosta, 27 ta' Lulju 1906.

Lill-Illustrissimi Sinjuri Deputati tal-Festa tal-*Beata Vergini Maria Assunta* - titulari tal-Knisja Parrokkjali tal-Mosta.

Illustrissimi Sinjuri,

Il-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika *Santa Maria* ta ġa r-risposta ta' l-aħħar (liema?) u nirrepetilkom dak li ġa ktibtilkom *cioè* illi aħna nixtiequ wisq li jkollna sehem fil-Festa bhala tfal tal-Mosta, u aħna qegħdin nagħmlu hekk, mhux biex nimmaltrattaw il-festa, imma biex nagħmluha iżjed kbira l-festa tal-*Beata Vergini Maria*.

Fl-ewwel ittra tagħkom li fiha għidtulna ndoqqu fil-festa bħas-soltu, u jien nghidilkom li dak li kien soltu, ma jeżistix iżjed, imma spiċċa, u ma jiġix ikkalkolat iżjed, imma ż-żmien li aħna fih jgħodd u mhux l-imgħoddi, għaliex aħna ta' l-istess patria, *cioè* ta' l-istess raħal, ma għandniex inkunu maltrattati u persekwitati minnkom b'dina l-manjiera.

Nisperaw li intom ilkoll tagħmlu l-ġustizzja u tagħtu lil kulħadd, dak kollu li jmissu, u li kulħadd ikun kuntent, sal-pubbliku wkoll ikun sodisfatt.

Nisperaw li aħna lkoll għandna u jkollna mill-eqreb żmien risposta sabiex il-Kumitat ikun jaf x'jagħmel skond ir-risposta li jkollu minnkom ilkoll.

Nirringrazzjaw lilkom ilkoll għall-inkomodu li ħadtu għalina u nixtieqilkom kull ġid b'qalbna kollha, nirrikonoxxu lilna u nsellu għalikom ilkoll u aħna ħbiebkom.

Francesco Gatt, Viċi-President
Edward Grech, President.
Pawlu Grech, Direttur Kummissjonant.

*Sur Direttur, nirringrazzjak li stampajt dana kollu li bgħattlek. Imma hix ħaġa ġustuża li d-deputati tal-festa għadhom jistennew risposta mill-Kummissjonant tal-Filarmonika Santa Maria, u dana jrid ir-risposta mid-deputati tal-festa!!*

RAY'S
Woodworks

Għal kull xogħol
ta'
Għamara u Aperturi

Prop: Raymond Borg

Triq is-Sriedaq, Mosta
Tel: **21 411508**
Mob: **9946 2612**

Bon Bons
Confectionery

Triq il-Pond, Mosta
Tel: 2141 6833

*Open under new management*
*with a variety of daily needs*

Monday to Saturday
Open all day

Sunday
7.00am – 1.00pm